# Il-Komunità Mostija ta' qabel l-Ewwel Parroċċa

Paul Catania

*Dan l-istudju jipprova jiġbor lil dawk il-Mostin kollha sa mill-1546 sal-1610 li kienu jiffurmaw il-komunità li fis-sena 1610 kellha tkun l-ewwel kommunita' parrokkjali tal-Mosta.*



*Disinn tal-Knisja l-Qadima tal-Mosta fuq il-pjanta ta' l-arkitett Tumas Dingli. Ir-ritratt l-ieħor juri irħama li tfakkar il-Konsagrazzjoni ta' din l-istess knisja fl-1774*



Ir-reġistri tal-parroċċa tan-Naxxar li minnha kienet tifforma parti l-Mosta jibdew sa mill-1546.[1] Dawn bdew jinġabru mill-Kappillan Dun Mattew Fava li jidher li beda dan ix-xogħol b'serjeta f'dawn l-ewwel snin, u allura tagħna stampa tajba ta' dak li kien qed jiġri. Fil-manuskritti nsibu lil dawk kollha li twieldu, iżżewġu u mietu fin-Naxxar, fil-Mosta u fil-Għargħur. F'dan l-istudju ser nipprova nibni l-komunità Mostija biss u allura ser nislet din il-lista mill-kitba sħiħa li tiġbor lit-tlett irħula. Mhux dejjem kien faċli għaliex mhux dejjem issib l-isem tar-raħal imniżżel. Diffikulta kbira oħra kienet il-fatt li fir-reġistri hemm ħafna vojt, xhur, ġieli wkoll snin neqsin. Dan minħabba raġunijiet differenti bħal l-attakk ta' Dragut tal-1551, l-Assedju l-Kbir, il-pesta, jew nuqqas dirett tal-kappillan meta kien ikun nieqes mill-parroċċa. Iżda meta wieħed jgħaqqad mit-tlett reġistri, allura toħroġ stampa aktar kompluta. Barra mir-reġistri jiena għamilt użu wkoll mil-listi ta' dawk li kienu għamlu l-Griżma ta' l-Isqof [2], l-Viżti Pastorali, kif ukoll l-arċivji tan-nutara



li jagħtu wkoll ħafna nformazzjoni soċjali. Għall-aħħar snin u l-ewwel ftit snin wara t-twaqqif tal-parroċċa għamilt użu wkoll mill-Arkivju tal-Parroċċa tal-Mosta. B'din l-informazzjoni stajt nieħu stampa ċara tal-kommunita Mostija ta' l-aħħar snin tas-seklu sittax li waslet għat-twaqqif tal-ewwel parroċċa.

## Ir-Reġistri

L-ewwel magħmudija reġistrata kienet ta' Dumink Fenech iben Michael fit-13 ta' Ġunju, 1546. F'din is-sena twieldu 13-il tarbija oħra fil-Mosta. L-erba' snin ta' wara jagħtuna indikazzjoni tan-numru ta' familji żgħar, dawk li setgħa jkollhom tfal. Dawn jagħtu total ta' mitt familja, iżda billi kien hemm minnhom li f'dan il-perjodu ta' 'l fuq minn erba' snin kellhom it-tieni jew anke it-tielet tarbija, allura n-numru jinżel għal 79 familja. Bħala żwiġijiet f'dawn l-ewwel ħames snin insibu 42 wieħed, bejn koppji Mostin, kif wkoll dawk il-Mostin, nisa jew irġiel, li żżewwġu ma' xi ħadd minn raħal ieħor. Minn dawn, 11 diġa' kellhom l-ewwel tarbija u allura jingħadu ma' dawk li tniżlu fir-reġistru tal-magħmudija. B'hekk naslu għal total ta' 110 familja fl-1550. Fir-reġistru ta' l-imwiet l-ewwel waħda li tidher hija Paola Cumbo, magħrufa *Ta' Cumbo*, li mietet fil-25 ta' Mejju 1546. Sal-aħħar tal-1550 hemm 18 mwiet reġistrati. Tnejn biss minn dawn kienu minn familji diġa' msemmija. B'hekk nistgħu nżidu 16-il familja oħra mal-110. Allura naslu għal figura ta' 126 familja Mostija sal-aħħar tal-1550 fiż-żgur.[3] Mir-reġistru tal-Magħmudijiet stajt niġbor aktar ismijiet billi f'kull magħmudija hemm imniżżel minn wieħed sa tliet parrini jew xiehda.

L-istampa ma baqgħetx tidher daqshekk ċara fis-snin ta' wara billi jibda jidher il-vojt. Dan minħabba l-biża' ta' attakk minn Dragut li fil-fatt seħħ fl-1551. Kif jibdew is-sittinijiet beda l-biża' ta' attakk akbar li wara sarraf fl-Assedju l-Kbir. Minħabba dawn in-nuqqasijiet ma kienx possibbli li wieħed joqgħod fuq dawn ir-reġistri biss, għalhekk dawn servew biss bħala bażi. Fil-Visti Pastorali jissemmew numru ta' nies li kienu jieħdu ħsieb xi kappella jew kienu prokuraturi. Dawn jibdew mill-1570. Minn din is-sena wkoll fir-reġistru taż-Żwieġ jibdew jidhru x-xhieda. Imbagħad mill-1579 għamilt użu mil-lista ta' dawk li kienu għamlu l-Griżma ta' l-Isqof.[4] Dawn tawni mhux biss l-isem tat-tifel/tifla iżda wkoll l-isem tal-missier, jekk mhux ukoll tal-omm, kif ukoll tal-parrinu.

B'dawn l-ismijiet kollha stajt niġbor ħafna nformazzjoni u ngħaqqad il-familji, bnejt bil-mod il-mod l-arbli tal-familji Mostin bejn dawn iż-żewġ snin 1546-1610. F'xi każijiet wasalt sat-tielet ġenerazzjoni. Għajnuna kbira biex għaqqadt aktar familji kienu l-Arkivji Notarili. Dan għaliex in-nutar dejjem jagħti nformazzjoni sħiħa. Jekk, per eżempju, isemmi lil Paolo Borg, dejjem jikteb l-isem tal-missier, ukoll jekk ikun mejjet. Jekk ikun testment toħroġ informazzjoni fuq il-familja kollha. Numru ta' żwiġijiet li ma jidhrux fir-reġistru parrokkjali jinstabu reġistrati għand in-nutar bil-kitba taż-żwieġ. B'din l-informazzjoni kollha ġbart ftit aktar minn erbat elef isem meta wieħed jgħodd it-tieni u t-tielet ġenerazzjoni.[5]

## Riżultati

Minħabba n-nuqqasijiet fir-reġistri ma kienx possibbli li wieħed joħroġ figuri għal kull sena. Jiena ġbart figuri tal-populazzjoni kull għaxar snin, kif ukoll tas-sena 1575, is-sena tal-Vista ta' Mons Duzzina. Barra minn dan mhux fil-każi kollha sibt is-sena tat-twelid, żwieġ jew mewt. Għalhekk imxejt fuq dawn il-parametri: l-għomor tal-ħajja ġie akkalkulat ta' 60 sena (rġiel u nisa); l-eta medja taż-żwieġ 23 sena (rġiel u nisa);[6] bħala data tas-sena żammejt it-30 ta' Ġunju.[7]

| | Irgiel | Nisa | Total | Familji |
|---|---|---|---|---|
| 1550 | 400 | 349 | 779 | 222 |
| 1560 | 443 | 369 | 812 | 265 |
| 1570 | 483 | 416 | 899 | 275 |
| 1575 | 491 | 401 | 892 | 284 |
| 1580 | 542 | 448 | 990 | 291 |
| 1590 | 601 | 484 | 1085 | 315 |
| 1600 | 574 | 469 | 1043 | 301 |
| 1610 | 484 | 406 | 890 | 272 |



Biex wieħed janalizza sewwa dawn il-figuri rridu niftakru li fejn ma kienx hemm statistika kompleta mxejt fuq r-regola tal-eta' medja għaż-żwieġ ta' 23 sena u għomor ta' 60 sena. Dan ifisser li qatt ma tista' tkun mija fil-mija eżatt iżda tasal għall-konklużjonijiet sinifikattivi. Hekk, per eżempju, in-numru tal-familji dejjem ser jikber minħabba l-fatt li jekk wieħed jew waħda jiġu akkalkulati ħajjin, ifisser li għadha teżisti familja oħra, li forsi fir-rejalta ma kienx hekk. Mill-banda l-oħra, mill-ftit informazzjoni li għandna fuq dawn is-snin, ħafna drabi jingħata n-numru tad-djar u mhux bil-fors tal-familji. Wieħed irid jiftakar ukoll li aktar jidhru ismijiet tal-irġiel fir-reġistri. Dan jidher ċar fil-lista. F'kull sena n-numru tal-irġiel huwa akbar minn dak tan-nisa.

L-uniċi figuri li jeżistu fuq dawn is-snin huma ta' 116-il dar u 500 ruħ fil-1575[8], u popolazzjoni ta' 900 f' 180 dar fis-sena 1608.[9] Il-figura ta' 116 dar tal-1575 ma taqbel xejn ma' dik ta' 284 li toħrog mill-lista. Lanqas it-total ta' 500 mitt ruħ ma jaqbel mat-893 tal-lista. Din id-differenza tista' tkun riżultat ta' aktar minn familja waħda jgħixu ġo l-istess dar. Hekk per eżempju ħafna drabi l-omm jew il-missier romol kienu jgħixi ma' uliedhom. Dawn il-fatti niltaqgħu magħhom wkoll ħafna snin wara. Biss jista' ukoll ikun il-każ li hawn qegħdin ftit snin wara l-Assedju l-Kbir u allura dan l-avveniment kbir ma ħalliex il-figuri medji li jien mxejt fuqhom jaħdmu sew. Irrid nifhem li jekk mietu rġiel fil-ġlied dawn x'aktarx kienu taħt is-sittin sena. Dan jista' jgħodd ukoll għall-figuri globali tal-irġiel u nisa. Meta mbagħad naraw il-figura tal-populazjoni ta' 900 fl-1608 paragunata ma' dik ta' 890 tal-1610, allura jidher li s-sistema bdiet taħdem tajjeb aktar ma l-informazzjoni hija kompleta. Biss il-problema tad-djar jew familji tibqa', 272 familja fil-lista, 180 dar fid-dokument.

Meta wieħed jistudja dawn il-figuri tal-populazzjoni tidher żieda kontinwa sal-1590 biex imbagħad tonqos fl-1600 u 1610. Dan seta' kien l-effett tal-pesta tal-1592 kif ukoll taż-żmnijiet koroh fis-snin ta' wara meta kien hawn faqar kbir.

## Aspetti Soċjali

L-indikazzjonijiet kollha juru li l-Mostin kienu fil-maġġoranza tagħhom bdiewa.[10] Kienu jaħdmu għelieqi kemm fil-viċinanzi tal-Mosta lejn Burmarrad u l-madwar, kif ukoll san-naħat ta' fuq lejn il-Pwales,[11] lejn il-Wardija[12] u wkoll lejn Baħar-iċ-Ċagħaq [13]. Max-xogħol fl-għelieqi ħafna drabi kellhom it-tqabbir tal-annimali u hawn kien isir kummerċ kontinwu. Kienu jbigħu u jpartu annimali lil xulxin kontinwament[14] u kultant dan kien negożju kbir. F'Ġunju tal-1584, Mattew Bartolo iben Dionisio biegħ lil Antonio u Paolo Fenech min-Naxxar 40 baqra![15]

Interessanti l-każ ta' Angela Bonnici li fis-17 ta' Awwissu 1591,[16] flimkien ma' bintha Agata, biegħu lil Jo Paolo, iben Angela, l-annimali kollha tagħhom " *bovina, vaccina, suina, ovina, caprina et alia annimalia*" għall-prezz ta' 60 uqija.[17]

Il-prodott agrikolu prinċipali jidher li kien il-qoton. Iltqajt ma' ħafna kuntratti ta' bejgħ jew xiri tal-Qoton.[18] U naħseb li din l-industrija kienet ir-raġuni għaliex barranin kienu jersqu lejn dawn in-naħat. Effett ta' dan kienu ż-żwiġijiet imħallta. Niltaqgħu ukoll ma' bejgħ ta' għelieqi bi dwieli jew siġar tal-frott. Insomma l-biedja kienet il-ħajja tagħhom u kienet tidħol f'kull fażi ta' ħajjithom. Meta tnejn kienu jiżżewġu kienu dejjem jagħmlu l-kitba taż-żwieġ. Ir-raġel kien iġib lejn il-familja ġdida xi baqra jew biċċa art. L-istess missier il-mara, li kien jgħaddi bħala riġal lir-raġel ta' binthu xi għalqa jew annimali.[19] Gieli l-ġenituri kienu jixtru art biex jgħadduha lil uliedhom meta jiżżewġu.[20]

Dan il-kummerċ ta' xiri u bejgħ kien iwassal biex xi uħud jissellfu l-flus[21] biex ikunu jistgħu jakkwistaw dak li jridu. Id-dejn kien jitħallas fi żminijiet miftehma. Meta dak li jkun ma jasalx biex iħallas fi żmien preskritt, allura kien jispiċċa fil-ħabs ta' l-Imdina sa ma jaqta' id-dejn. Hekk kienu spiċċaw Salvo Borg[22], Hieronimo Galea [23], u Francesco Vella. Kummerċ ieħor kien dak tal-affarijiet tal-ikel. Jidher li diġa' dak iż-żmien kienu jeżistu l-grossisti, dawk li jixtru bi kwantita biex imbagħad ibiegħu lill-individwi, jew lil tal-ħwienet! Angelo Galea kien ibiegħ *'victualia'*, allura affarijiet ta' l-ikel.



# Ismijiet – Kunjomijiet - Laqmijiet

Minħabba l-fatt li aktar jidher l-isem tar-raġel milli tal-mara, il-lista tagħti aktar rġiel bl-ismijiet milli nisa, 1287 ragel u 967 mara. Fost l-irġiel l-aktar isem komuni kien dak ta' Duminku (112). Din id-devozzjoni lejn dan il-qaddis tidher li kienet qawwija ħafna f'dawn l-inħawi. Fin-Naxxar ukoll dan l-isem kien komuni ħafna. Stramb imbagħad il-fatt li kemm fil-Mosta kif ukoll fin-Naxxar ma kinet tinstab l-ebda kappella ddedikata lil dan il-qaddis. Warajh jiġu Ġanni(85), Pietro(65), Pawlu (59), ismijiet li wieħed forsi jistennihom, u mbagħad Antonio(63). Ta' Sant'Antnin kinet tezisti kappella li għada hemm sa llum. Ismijiet oħra bħal Gakbu(44), Nardo(37), Mikiel(23) wieħed jista' jorbothom mal-fatt li kienu jeżistu wkoll kappelli ddedikati lil dawn il-qaddisin u allura kienet teżisti ċerta devozzjoni lejn dawn il-qaddiasin. Aktar min-nofs l-ismijiet jidhru biss minn darba sa ħamest darbiet. Ħafna minn dawn fi żmienna wkoll ma tantx huma komuni, bħal Sergio, Rosario, Janico, Marcello, Manfredo, Frederico, Aloisio, Cosman......

**Tabella Nr 1**

## Ismijiet Maskili

Domenico-112; Joanni-85; Pietro/Protio-68; Antonio-63; Paolo-59; Mariano-50; Iacubo-44; Joseppi-43; Matteo, Leonardo-37; Francesco-33; Laurentio, Simeone-32; Angelo-31; Vincenso, Thomas-24; Michael-23; Augustino, Blasio, Hieronimo, Julio-22; Mario-21; Jo Paolo, Gregorio-19; Theramo-17; Alberto, Giorgio, Bernardo-16; Damian, Dionisio-15; Marco, Nicola-13; Luca, Dimitri-11; Pancratio, Jo Domenico-10; Jorlando-9; Alessandro, Joes Maria, Pascal-8; Bendo-7; Silvester-6; Sebastian, Leonisi, Martino-5; Lazzaro, Lemu, Costantio, Clement, Caspaño, Natal, Stefano-4; Ambrogio, Bartholomeo, Cosman, Britio, Gennaro-3; Alfons, Aloisio, Brandano, Carlo, Catald, Ferdinando, Guglielmo, Herasmo, Joan Matteo, Mariangelo-2; Apollonio, Arfio, Aurelio, Carolo, Claudio, Frederico, Gaddi, Gian Antonio, Filippo, Janico, Marcello, Manfredo, Merkis, Pacifico, Randino, Rosario, Sergio, Joan Carlo, Zaccari-1.

F'dawk li huma ismijiet femminili jiddominaw Margarita (106), Agata (95) u Katerina (92). Jidher li f'dawn in-naħat kien hawn devozzjoni kbira lejn dawn it-tlett qaddisin. Fin-Naxxar kien hemm kappelli ddedikati lit-tlieta li huma u fil-Mosta kien hemm kappelli ddedikati lil Santa Margarita u Santa Katerina. Ismijiet oħra komuni kienu Pawla(64), Agnesa(60), Domenica(58), Joanna(57), Emperia(54). F'post fejn il-knisja prinċipali kienet ddedikata lil Madonna, wieħed kien jistenna li l-isem Marija jkun komuni ħafna aktar. Jekk ngħoddu dawk li kien jisimhom Marija/Marutia/Mariola ma' Marietta, in-numru jitla' għal 63. L-istess bħal l-irġiel nofs l-ismijiet jidhru biss minn darba sa ħames darbiet. Ismijiet xi ftit komuni iżda li sal-lum ftit li xejn nisimgħuhom: Emperia, Vennera, Geronima, Laura, Ursula, Vitessa...

**Tabella Nr 2**

## Ismijiet Femminili

Margerita-106; Agata-95; Catherina-92; Joanna/Joannella-91; Paola-64; Agnesa-60; Domenica-58; Emperia-54; Marietta-46; Elena/Luna-41; Antonia-40; Isabella-22; Vennera-21; Gratia-19; Maria/Marutia/Mariola-17; Angela-16; Geronima-14; Vincensa-13; Cecelia, Francesca-11; Laura-10; Vittoria-8; Barbara, Clara, Ursula-5; Bernarda, Leonora, Jacuba-4; Bartholomea, Julia, Kuntisssa-3; Appollonia, Carita', Lucia, Petruzza, Rosa, Simuna, Vitessa -2; Alberta, Augustina, Chiara, Consales, Gilarda, Loncica, Phillippina, Sperantia – 1.

Punt interessanti huwa l-mod kif kienu jdawwru xi ismijiet: Antonio-Naino; Elena-Luna; Maria-Marutia; Francesco-Faniu/Fangio; Alonsa-Loncica; Pancratio-Brancato; Cechilia-Chilia; Pietro-Petruzzo-Protio; Fabritio-Britio. Ta' min jinnota wkoll l-ismijiet doppji: Jo Domenico, Gio Paolo, Joes Maria, Joan Matteo, Mariangelo, Gian Antonio, Joan Carlo. Dawn jinstabu fil-lista maskili biss.

Il-kunjomijiet jagħtuna spunti interessanti ħafna mhux biss minħabba n-numru kbir (86), iżda minħabba l-fatt ukoll li hemm numru ta' kunjomijiet barranin li jfisser li l-Mostin kienu jitħalltu ħafna mhux biss ma' dawk ta' irħula oħrajn iżda wkoll ma' rġiel, u f'xi każi anke nisa, barranin.[24] Dan ifisser li l-kommunita

Mostija ta' erba' mitt sena ilu kienet diġa' miftuħa u mhux magħluqa fiha nfisha bħallikieku maqtugħa għaliha. Ħafna minn dawn il-kunjomijiet barranin jiena ma daħħalthomx ma' l-oħrajn għar-raġuni li jidhru darba biss, jew reġistrazzjoni ta' mewt, jew ta' żwieġ. Din ta' l-aħħar hija interessanti għaliex allura ifisser li wara ż-żwieġ, il-koppja x'aktarx marru jgħixu barra minn Malta. In-nisa Mostin, bħal dawk tan-Naxxar, ma kienux jiddejjqu jitilqu barra minn pajjiżhom. F'dawk li huma żwiġijiet insibu dawn il-kunjomijiet barranin: Lagu(1572), Safia (1576), Peta (1577), Aicdimo(1577), La Casciera(1583), Francesco di Napoli(1585). Oħrajn Franċiżi kienu Mascarone (1574), Tiyeres(1579), kif ukoll wieħed Spanjol, Petro li żżewweġ fl-1582. Ma' dawn inżidu oħrajn li nafu li għexu fil-Mosta f'dawn iż-żmenijiet: Orlando Duchelenec magħruf bħala *chargalin*, Leun Lectis li miet fil-1575, Joseph Rasin li jissemma f'kuntratt tal-1587. Kunjomijiet oħrajn barranin li jidhru li baqgħu fil-Mosta għal snin insibu Conti, Cosburella, Disca, Di Proxia, Mannara, Missinisi,[25] Talavera, Zizo. Interessanti mbagħad l-iżvilupp ta' Deguevara f'Deguara, u aktar minn dan Dejf f'Magroso u wara Magro[26]. Barrani ieħor li żżewweġ il-Mosta u kellu erbat itfal imweldin bejn l-1570-78, baqa' jitniżżel bħala 'Frostieri', barrani.

Meta wieħed jeżamina l-198 żwieġ reġistrati, insibu li 87 biss, allura 44 fil-mija, kienu bejn koppji Mostin. Il-kumplament, 111-il żwieġ, kienu żwiġijiet imħallta. 78 minn dawn il-mara Mostija kienu qed jiżżewwġu ma' raġel minn barra r-raħal. Żewġt irġiel Mostin iżżewwġu wkoll nisa barranin. Dan it-taħlit kollu kien sinjal pożittiv ħafna u huwa xhieda ta' komunità ġenetikament diversifikata u allura tassigura saħħa fil-ġenerazzjonijiet ta' wara.

Għalkemm xi kunjomijiet barranin kienu diġa' jidhru fl-ewwel snin, fil-biċċa l-kbira ġew wara l-1570, allura wara l-Assedju l-Kbir. Billi qed nitkellmu minn post agrikolu mhux faċli tgħid x'kienet ir-raġuni għal dan it-taħlit. Il-possibilta' hija l-industija tal-qoton li f'dawn l-inħawi kien jitkabbar ħafna. Din hija konsiderazzjoni nteressanti ħafna.

### Tabella Nr 3
## Kunjomijiet

Galea(74); Fenech(62); Sammut(36); Borg(34); Xerri (30); Vella(29); Cauchi, Frendo(28); Cumbo, Portelli(25); Calleja(21); Barthalo(20); Buhagiar(18); Xeberras(17); Busuttil(15); Agius, Micallef(12); Bezzina(11); Chetcuti, Debono, Mifsud, Paci, Vassallo(10); Bonnici (9); Gauci(8); Camilleri(7); Muscat, Seychell, Xiriha, Zarb(6); Aquilina, Azzopardi, Grech, Spiteri, Zammit (5); Bonello, Ciappara, Ebejer, Grima, Schembri(4); Attard, Falzon, Gatt, Mamo (3); Brincat, Cachia, Calfat, Camenzuli, Cappello, Cassar, Cuschieri, Cutajar, Delia, Grixti, Magro, Mangion, Mannara, Sant, Stivala, Talavera, Tomanci, Tonna(2); Bellia, Bugeja, Callus, Cardona, Caruana, Casha, Caxaro, Ciantar, Conti, Curmi, Cusburella, Darmanin, Deguara, Dimech, Disca, Di Proxia, Felici, Frostieri, Haber, Mallia, Missinisi, Saliba, Scicluna, Zizo(1).

Mill-ftit laqmijiet li ltqajt magħhom jidher li din is-sistema kien għadha ma daħlitx sew. X'aktarx li l-kunjomijiet kienu biżżejjed biex wieħed jidentifika lill-individwu jew l-familja. Iltqajt ma' Vennera Manaro magħrufa bħala *ta Sorinco* [27]; Marietta, bint Paskal *ta laneco*; Xmun Galea *Cochinella*; Paola Cumbo, *ta Cumbo;* Orlando Duchelenec, *chargalin*; Joanni Cumbo *lo spangolo*[28]; Domenico Talavera *larchen*; Tumas Portelli *tomiacin/tomanci*; Damian Bonnici *ta Wejda*. B'tant ftit laqmijiet, wieħed żgur ma jistax jgħid li dawn kienu jintużaw regolarment.

Distintiv ieħor kien jeżisti, għalkemm mhux daqstant fil-Mosta. Min kien mgħallem f'xi sena kien magħruf bħala *Mastro*. Iltqajt ma' tlieta biss fil-Mosta, Mastro Brandano Bonnici(qabel 1580), Mastro Lazzaro Agius (1605), u Mastro Leonardo Gatt (1608). Dan isaħħaħ il-fatt li l-Mostin kienu mitfugħin għal kollox fuq l-agrikultura. Mhux hekk fin-Naxxar li ukoll kien post agrikolu. Fin-Naxxar iżda nsibu numru mdaqqas ta' Mastri. U dawn kellhom pożizzjoni ta' stima fis-soċjetà. Ħafna drabi kienu jkunu huma l-parrini fil-magħmudijiet jew xhieda fiż-żwieġ. Dan kien jgħodd ukoll għal Mostin, għax wara kollox kienu jitilgħu n-Naxxar għas-sagramenti tal-magħmudija u żwieġ, u allura l-Mastri Naxxarin kienu jkunu parrini għall-Mostin ukoll.

Ta' min jgħid, hawnhekk li ltqajt ma' Mastri oħrajn, mhux Mostin iżda persuni li kienu qed jagħmlu xi xogħol fil-Mosta. Fit-28 ta' Ottubru 1586 Mastro Gio Maria Chabela minn Bormla kien parrinu għal Simone

Schembri, iben Alfio. Dan huwa Gian Mari Abela, il-pittur.[29] Mastro ieħor li jissemma huwa Mastro Matteo di li alti argentieri della citta nuova. Dan x'aktarx li kien qed jagħmel xi xogħol għall-knisja. Fi żmien Duzzina jissemma Magister Argentarius ieħor, Petro Sillato.

Ma hemmx dubbju li l-iżjed persunaġġ li jiddistingwi ruħu f'dawn is-snin kien Magister Costantio Fenech. Iltqajt miegħu bħala xhud fl-1571 u baqa' jidher sal-1612 meta kien parrinu. Għall-ewwel kien jidher bħala *Mastro* iżda wara fl-aħħar snin, beda jitniżżel bħala *Magister*. Dan jidher li kien sinjal ta' rispett lejn il-persuna li kienet għal snin twal meqjusa bħala bniedem tas-sengħa. Kien ukoll bniedem tan-negozju. Bħala 'kapijiet' jew mexxejja tar-raħal kien hemm il-kuntistabli. Dawn kienu jkunu dejjem tnejn. Iltqajt ma' Petro Mamo u Xmun Galea (1553); Laurentio Debono (1559); Blasio Calleja u Laurentio Galea (1560); Augustino Busuttil (1610).

Dawn kienu l-Mostin li fil-bidu tas-seklu sbatax dawru l-kommunita agrikola tagħhom f'waħda parrokkjali bit-twaqqif ta' parroċċa ġdida fl-1610.

**Referenzi**


1 Arkivju Parrokkjali Naxxar (APN): Liber Baptizatorum 1, Liber Matrimoniorum 1, Liber Defunctorum 1.
2 APN, Liber Matrimoniorum I, fol. 174-
3 Mill-istudju sħiħ aktar 'l quddiem din il-figura ma taqbilx. Dan minħabba l-fatt li joħorgu aktar ismijiet u allura familji, mill-listi l-oħrajn bħal parrinijiet, xhieda, Arċivji Notarili.
4 Minbarra dik tal-1579, sibt ukoll lista tal-Griżma tal-1608 mal-Vista Pastorali tal-Isqof Gargallo. Minn dik tal-1625 'l quddiem jeżisti reġistru fl-Arkivju Parrokkjali tan-Naxxar, kif ukoll fil-Mosta.
5 Biex insaħħaħ l-istudju kkonsultajt ukoll ir-reġistri fl-Arkivju Parrokkjali tal-Mosta, Magħmudijiet sal-1617, Mwiet sal-1622.
6 Ara teżi ta' Edward Azzopardi, *On The Reconstruction of Families from the Naxxar Parish Records:1546-1650,* mhux pubblikata.
7 Dan ifisser li twelid, żwieġ u mwiet sat-30 ta' Ġunju jgħodd ma' dik is-sena. Wara, mill-1 ta' Lulju, jgħodd mas-sena ta' wara.
8 Din hija l-figura li jagħti Mons Duzzina fir-rapport tiegħu.
9 Din il-figura toħroġ mid-dokument tat-twaqqif tal-parroċċa.
10 Ara Stanley Fiorini, *Il-Mosta u l-inħawi ta' madwarha fiż-Zmien tan-Nofs,* Ex Annalibus Mustae, edit. George Cassar, pagni 75-82.
11 Arkivju Notarili, Valletta (ANV), Nutar Antonio Caxaro 1577-79 Vol 1.
12 ANV, Nutar Simone Galea Vol 2, 1589-90, fol. 416, *"in contrada tal guardia appellata tal buarin"*.
13 ANV, Nutar Simone Galea Vol 3, 1590-91, fol. 119, *"in contrata ta bahar iciahac appellata tal basal"*.
14 Mhux possibbli li nniżżel hawn kull kuntratt li 'ltqajt miegħu fuq bejgħ ta' annimali għax kienu tassew ħafna, bejgħ ta' barrin, baqar, ħmir, nagħaġ u mogħoż.
15 ANV, Nutar Antonio Caxaro, Vol 3 1582-84.
16 Angela fil-fatt kienet it-tieni mara ta' Jacubo Bonnici li fl-1588 kien diga' mejjet.
17 ANV, Nutar Simone Galea, Vol. 3 1590-91, fol 978.
18 ANV, Nutar Don Giuseppe Caxaro, Vol. 2 1587-88, fol 601r. Mikiel Busuttil qed ibiegħ kwantita ta' qoton lil l-imgħallem (*magister*) Constantio Fenech mill-Mosta ukoll.
19 ANV, Nutar Don Giuseppe Caxaro, Vol 1, 1587-88, fol 231. Dionisio Sammut ta lil Antonio Vella, ir-raġel ta' binthu Imperia, biċċa art. L-istess għamel ma' Antonio Muscat, ir-raġel ta' binthu Luna.
20 ANV, Nutar Simone Galea, Vol 2, 1589-90, fol. 566 u l-istess fol. 570.
21 ANV, Nutar Don Giuseppe Caxaro, Vol 3, 1586-87, fol. 105 ċertu Joes Racin (Franċiz) li kien jgħix il-Mosta sellef flus lil Andrea Vella.
22 ANV, Nutar Don Giuseppe Caxaro, Vol 5, 1589-90, fol. 443.
23 ANV, Nutar Don Giuseppe Caxaro, Vol 4, 1588-89, fol. 83r.
24 Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan l-istudju.
25 Ibnu Sandro żżewweġ fin-Naxxar għall-ħabta tal-1587.
26 Interessanti l-kitba fl-4.02.1558 fejn iżżewġet Luna bint Johanni Dijf Magro, allura tagħtina ħjiel li l-kunjom kien diġa qed jinbidel.
27 APN, Liber Defunctorum. Mietet f'Diċembru 1551.
28 Dan Ganni kellu sitt itfal, tlieta minnhom kienu ġa żżewġu sal-1560.
29 Xahrejn wara huwa jidher bħala parrinu f'Ħal Għargħur,(18.12.1586). F'Ħal Għargħur, kif ukoll fin-Naxxar, għadha teżisti l-pittura tiegħu.

# Appendiċi 1

**Żwiġijiet Mosta 1546-1600**

| | M/M | M/RI | RI/M | M/B | B/M | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1546 | 3 | | 4 | | | 7 | |
| 1547 | 2 | 2 | 7 | | | 11 | |
| 1548 | 6 | | 3 | | | 9 | |
| 1549 | 3 | 2 | 2 | | | 7 | |
| 1550 | 5 | | 3 | | | 8 | |
| 1552 | 4 | 2 | 1 | | | 7 | |
| 1553 | 6 | 2 | 1 | | | 9 | |
| 1554 | 3 | 2 | 2 | | | 7 | |
| 1555 | 4 | | 1 | | | 1 | * Lulju/Awissu biss |
| 1557 | 5 | 1 | 3 | | | 9 | |
| 1558 | 3 | 1 | 2 | | | 6 | |
| 1559 | 3 | 2 | 4 | | | 9 | |
| 1560 | 6 | 4 | 4 | | | 14 | |
| 1561 | | | 1 | | | 1 | *Jannar-Lulju |
| 1569 | 2 | | 1 | | | 3 | *Lulju-Diċembru |
| 1570 | 1 | | 1 | | | 2 | |
| 1571 | 1 | 1 | 1 | | | 3 | |
| 1572 | | | 2 | | | 2 | |
| 1573 | | | 1 | | | 1 | |
| 1574 | | 1 | 3 | 1 | 1 | 6 | |
| 1575 | 2 | | | | | 2 | |
| 1576 | 1 | 1 | 1 | | 1 | 4 | |
| 1577 | 1 | 1 | 2 | | 2 | 6 | |
| 1578 | 1 | 1 | 5 | | | 7 | |
| 1579 | | 1 | 1 | | 1 | 3 | |
| 1582 | 1 | 1 | | 1 | 1 | 4 | |
| 1583 | | | | | 1 | 1 | *Jannar biss |
| 1585 | 4 | | 1 | | 1 | 6 | |
| 1586 | 5 | 1 | | | | 6 | |
| 1587 | | | 3 | | | 3 | |
| 1590 | 1 | | 1 | | | 2 | *Arkivju Notarili |
| 1591 | 1 | 1 | 3 | | | 5 | *Arkivju Notarili |
| 1592 | 3 | 1 | 3 | | | 7 | |
| 1593 | 1 | 1 | 2 | | | 4 | |
| 1594 | | | | | | 0 | *Ottubru biss |
| 1598 | 4 | 1 | | | | 5 | |
| 1599 | 1 | | | | | 1 | *Ottubru biss |
| 1600 | 4 | | 1 | | 1 | 6 | *Bejn 1601-1610 xejn reġistrat |
| **Totali** | 87 | 31 | 69 | 2 | 9 | 198 | |

M/M it-tnejn mill-Mosta; M/RI, ir-raġel Mosti u l-mara minn raħal ieħor; RI/M, ir-raġel minn raħal ieħor u l-mara mill-Mosta; M/B, ir-raġel mill-Mosta u l-mara barranija; B/M, ir-raġel barrani u l-mara mill-Mosta.

# Appendiċi 2

## Imwiet

| | Naxxar | Mosta | Għargħur | Total | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1546 | 7 | 3 | 3 | 13 | |
| 1547 | 6 | 3 | 3 | 12 | |
| 1548 | 4 | 6 | 3 | 13 | |
| 1549 | 10 | 5 | 5 | 20 | * 1 Qormi |
| 1550 | 9 | 1 | 1 | 11 | |
| 1551 | 8 | 7 | 4 | 19 | |
| 1552 | 1 | 2 | 2 | 5 | |
| 1553 | 1 | 2 | 2 | 6 | |
| 1554 | 14 | 8 | 3 | 25 | |
| 1555 | 5 | 4 | 0 | 9 | |
| 1558 | 3 | 5 | 1 | 9 | |
| 1559 | 3 | 1 | 1 | 5 | |
| 1560 | 6 | 21 | 3 | 30 | |
| 1572 | 3 | 0 | 0 | 3 | |
| 1573 | 1 | 0 | 2 | 3 | |
| 1574 | 3 | 0 | 1 | 3 | |
| 1575 | 13 | 6 | 0 | 19 | |
| 1576 | 7 | 3 | 1 | 11 | |
| 1577 | 1 | 4 | 0 | 5 | |
| 1578 | 2 | 2 | 0 | 4 | |
| 1582 | 2 | 2 | 1 | 6 | |
| 1585 | 2 | 2 | 0 | 4 | |
| 1587 | 1 | 1 | 0 | 2 | |
| 1588 | 1 | 4 | 1 | 6 | |
| 1592 | 8 | 5 | 6 | 19 | |
| 1593 | 2 | 1 | 0 | 3 | * sa Marzu |
| 1594 | 3 | 2 | 1 | 6 | |
| 1595 | 2 | 0 | 1 | 3 | |
| 1596 | 4 | 1 | 0 | 5 | |
| 1597 | 1 | 6 | 1 | 9 | |
| 1598 | 7 | 0 | 1 | 8 | |
| 1599 | 1 | | | | |
| 1600 | 4 | 1 | | 5 | |
| 1601 | 4 | 4 | | 8 | |
| 1602 | 5 | 2 | 1 | 8 | |
| 1603 | 7 | 1 | | 8 | |
| 1604 | 10 | 1 | 1 | 13 | |
| 1605 | 9 | 2 | 1 | 12 | |
| 1606 | 5 | 2 | 1 | 8 | |
| 1607 | 7 | 2 | 1 | 11 | |
| 1608 | | | | | |

## Appendiċi 3
### Twelid 1546-1610

| | Naxxar | Mosta | Għargħur | Total | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1546 | 27 | 15 | 19 | 62 | |
| 1547 | 43 | 24 | 31 | 100 | * 1 B'Kara, |
| 1548 | 31 | 22 | 20 | 74 | * 1 Birgu |
| 1549 | 34 | 20 | 24 | 78 | |
| 1550 | 29 | 14 | 16 | 60 | * 1 Żebbuġ |
| 1551 | 13 | 5 | 6 | 24 | * sa Ġunju |
| 1552 | 10 | 0 | 4 | 14 | |
| 1553 | 1 | | | 1 | |
| 1554 | 1 | | 2 | 3 | |
| 1555 | 5 | 1 | 7 | 14 | * 1 Għawdex |
| 1557 | 12 | 3 | 2 | 18 | |
| 1558 | 1 | | | 1 | |
| 1559 | 19 | 8 | 6 | 33 | |
| 1560 | 18 | 13 | 8 | 39 | |
| 1561 | 2 | | 1 | 3 | |
| 1566 | 1 | 1 | 1 | 3 | |
| 1567 | 1 | 1 | 0 | 2 | |
| 1569 | 14 | 6 | 2 | 26 | |
| 1570 | 12 | 8 | 2 | 23 | |
| 1571 | 16 | 10 | 2 | 28 | |
| 1572 | 11 | 7 | 3 | 21 | |
| 1573 | 1 | | | 1 | |
| 1574 | | | 1 | 1 | |
| 1575 | 12 | 5 | 2 | 19 | |
| 1576 | 7 | 6 | 2 | 15 | |
| 1577 | 6 | 5 | 2 | 13 | |
| 1578 | 21 | 13 | 6 | 40 | |
| 1579 | 4 | | 1 | 5 | |
| 1582 | 24 | 10 | 9 | 45 | * 1 barrani |
| 1583 | 19 | 8 | 3 | 30 | |
| 1584 | 8 | 8 | 5 | 21 | *Sett-Diċembru |
| 1585 | 25 | 10 | 8 | 44 | |
| 1586 | 16 | 13 | 13 | 42 | |
| 1587 | 31 | 18 | 14 | 63 | |
| 1588 | 20 | 5 | 17 | 44 | |
| 1589 | 23 | 6 | 4 | 33 | |
| 1590 | 19 | 8 | 12 | 39 | |
| 1591 | 19 | 12 | 9 | 40 | |
| 1592 | 23 | 10 | 7 | 40 | |
| 1593 | 5 | 3 | 2 | 10 | |
| 1594 | 21 | 3 | 11 | 35 | |
| 1595 | 7 | 8 | 1 | 16 | |
| 1596 | 5 | 10 | 4 | 19 | |



| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1597 | 4 | 10 | 3 | 17 | |
| 1598 | 7 | 12 | 5 | 24 | |
| 1599 | 27 | 16 | 0 | 44 | * 1 Għawdex |
| 1600 | 22 | 12 | 1 | 35 | |
| 1601 | 5 | 1 | | 6 | * Diċembru biss |
| 1602 | 6 | 3 | 4 | 13 | * ħafna vojt |
| 1603 | 14 | 1 | 4 | 19 | |
| 1604 | 13 | 6 | 5 | 25 | |
| 1605 | 14 | 4 | 2 | 20 | |
| 1606 | 15 | 11 | 7 | 34 | |
| 1607 | 25 | 11 | 8 | 45 | |

